MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 992/2007/1

**Joseph Vella**

**v.**

**Peter u Rose konjugi Abela**

**u b'digriet tal-21 ta' Ottubru 2014**

**stante l-mewt ta' Peter Paul Abela l-atti gew trasfuzi**

**f'isem Rose Abela**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li ressaq l-attur fis-26 ta' Settembru, 2007 li jaqra hekk:

"1. Illi l-attur silef lill-intimati s-somma ta' Lm15,500 fi tliet okkazjonijiet u cioe:

"(a) Permezz ta' skrittura datata 27 ta' Marzu, 1994 is-somma tal Lm6,000 bl-imghax skont il-Ligi (Dok. "A".)

"(b) Permezz ta' skrittura tad-29 ta' Dicembru 1994, is-somma ta' Lm6,500 bl-imghax tas-6% fis-sena u pagabbli lura kif miftiehem fl-istess skrittura (Dok. "B"); u

"(c) Fl-ewwel xhur tas-sena 1996, brevi manu, is-somma ta' Lm3,000 bl-imghax ta' 6%.

"2. Illi l-konvenuti hallsu akkont is-somma ta' Lm1,000 u l-imghax relattiv fuq din is-somma ta' Lm1,000 akkumulata sad-data tal-hlas - b'dan illi l-bilanc kapitali dovut lill-esponenti huwa ta' Lm14,500 *oltre* l-imghaxijiet akkumulati li sallum jammontaw ghal Lm13,126. (Dok. "C").

"3. Illi l-konvenuti dejjem accettaw dan id-debitu u weghdu li ser ihallsu izda wara li qatt ma hallsu xejn aktar (hlif l-Lm1,000 imsemmija f'para. 2), u rrizulta illi l-weghdiet tal-konvenuti kienu fiergha, l-esponent baghat ittra interpolatorja fejn talab il-hlas tal-flus lilu dovuti.

“4. Illi b’risposta ghal din l-ittra, il-konvenuta Rose Abela baghtet ittra fejn qalet illi hija dovuta lilha s-somma ta’ Lm7,200 ghall-“*private tuition*” lil ulied l-esponenti. Fil-laqgha bonarja mizmuma bejn il-partijiet flimkien mal-avukati rispettivi taghhom, l-esponenti cahad illi qatt talab lill-konvenuta taghmel dan ix-xoghol izda kienet hi li ‘*ex gratia*’ offriet li tghin lil uliedu jaghmlu l-*homework* wara l-hin tal-iskola izda f’kull kaz, ma qabilx mar-rata pretiza, mas-sieghat pretizi u mad-durata tas-snin izda b’dan kollu kien ippreparat inaqqas mill-ammont dovut lilu kumpens xieraq ghal pretazzjonijiet tal-konvenuta. Il-konvenuta kellha tirrevedi l-pretenzjoni taghha u tikkomunikaha lill-esponenti.

“5. Illi l-konvenuti la hallsu ebda ammont u anqas ikkomunikaw pretenzjoni riveduta ghas-servizzi tal-konvenuta u ghalhekk, wara li ntbaghtet ittra ufficjali u ma kien hemm ebda reazzjoni da parti tal-konvenuti, kellha ssir din il-kawza.

“Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

“Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ sebgha u ghoxrin elf sitt mija u sitta u ghoxrin lira (Lm27,626) kwantu ghal Lm14,500 bilanc ta’ somom mislufa lill-konvenuti kif fuq inghad u kwantu ghall-Lm13,126 imghaxijiet akkumulati fuq dawn is-somom mislufa.

“Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-31 ta’ Lulju, 2006 u tal-ittra ufficjali tad-9 ta’ Lulju 2007 u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta’ dan ir-rikors sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti li minn issa qed jigu ngunti ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li in forza taghha ghar-ragunijiet minnhom premessi eccepew illi:

“1. Illi, preliminarjament, in-nullita` tar-rikors guramentat *stante* illi r-rikorrent kellu jaghmel il-kawza flimkien ma’ martu.

“2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, it-talba tar-rikorrent ghall-hlas tas-somom mislufa lill-intimati ghandha tigi michuda *stante* li hija

preskritta *a tenur* tal-artikolu 2156 (e) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk *stante* illi l-kapital gie estint bis-sahha tal-preskrizzjoni ghandha tigi michuda wkoll it-talba tar-rikorrent ghall-hlas tal-imghax fuq is-somom mislufa.

“3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, it-talba tar-rikorrent ghall-hlas tal-imghax hija preskritta *a tenur* tal-artikolu 2156 (d) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

“4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jitressqu skont il-ligi.

“Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.”

Rat is-sentenza li tat il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta’ Mejju, 2011, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

“... ... ... filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u b’hekk tichad ukoll l-eccezzjonijiet ta’ preskrizzjoni sollevati mill-konvenuti abbazi tal-**artikolu 2156 (d) u 2156 (e) tal-Kap. 16** ghaliex huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:-

“1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ erba’ u sittin elf, tlett mija u wiehed u hamsin ewro u tlieta u tletin centezmu (€64,351.27) ekwivalenti ghal sebgha u ghoxrin elf sitt mija u sitta u ghoxrin lira maltin (Lm27,626) kwantu ghal tlieta u tletin elf, sebgha mija u hamsa u sebghin ewro u wiehed u disghin centezmu (€33,775.91) ekwivalenti ghal erbatax-il elf u hames mitt lira maltin (Lm14,500) bilanc ta’ somom mislufa lill-konvenuti kif indikat fl-azzjoni attrici u kwantu ghall-tletin elf, hames mija u hamsa u sebghin ewro u sitta u tletin centezmu (€30,575.36) ekwivalenti ghal tlettax-il elf mija u sitta u ghoxrin lira maltin (Lm13,126) imghaxijiet akkumulati fuq dawn is-somom mislufa.

“Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-31 ta’ Lulju, 2006 u tal-ittra ufficjali tad-9 ta’ Lulju 2007 u bl-imghax legali ulterjuri mid-data tal-

prezentata tar-rikors guramentat datat 26 ta’ Settembru 2007 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi din il-kawza titratta dwar self li sar da parti tal-attur lill-konvenuti fi tliet stadji kif imsemmi fl-azzjoni attrici. Il-konjugi konvenuti kienu allegatament f’diffikolta’ finanzjarja u staqsew lill-attur biex jghinhom; ghalhekk saret l-ewwel skrittura datata 27 ta’ Marzu, 1994 fejn l-konvenuti sselfu minghand l-attur is-somma tal Lm6,000 bl-imghax skont il-Ligi (Dok. “A” a fol 5). Din is-somma kellha tithallas wara sena u kienet intiza sabiex l-konvenuti jaghmlu xi xogholijiet fid-dar taghhom. Sussegwentement il-konvenut kien dahal f’xi negozju tal-kostruzzjoni (bini ta’ appartamenti) u kellu bzonn self iehor sabiex jispicca x-xogholijiet. Ghalhekk kien sehh it-tieni self permezz ta’ l-iskrittura tad-29 ta’ Dicembru 1994, fejn din id-darba l-attur ghadda lill-kovenuti s-somma ta’ Lm6,500 bl-imghax tas-6% fis-sena u pagabbli lura f’diversi pagamenti kif hemm stipulat fl-istess skrittura sad-Dicembru 2001 (Dok. “B” a fol. 6). It-tielet self kien wiehed *brevi manu* u kien jammonta ghas-somma ta’ Lm3,000 bl-imghax legali pattwit. Din is-somma allegament intalbet mill-konvenuti lill-attur ghaliex din id-darba kellhom diffikolta’ ihallsu l-pagamenti li kellhom ihallsu lil terzi ghal akkwist tal-karozza li kienu akkwistaw.

“Illi l-konvenuti hallsu s-somma ta’ Lm1,000 u Lm390 bhala imghax u dan skont it-tieni ftehim li kienu ffirmaw (29 ta’ Dicembru 1994), u dan f’Dicembru 1995. L-attur jistqarr li f’din l-okkazjoni, kien fakkar lill-konvenut li kien ghad hemm l-ewwel self ta’ Lm6,000 li kellhom jithallsu sa Marzu 1995 li pero ma thallsux. Skond l-attur, il-konvenut allegatament qallu li dawk se jithallas malli jinbieghu l-appartamenti fuq imsemmija.

“Illi l-attur xehed li huwa kien imur ghand il-konvenuti fir-residenza taghhom Had Dingli ta’ spiss u dan sabiex jitlob lill-konvenuti jhallsuh l-ammont dovut minnhom lilu lura u l-konvenuti dejjem wiegbu li ser jhallsuh b’dan li dejjem irrikonoxxew l-istess dejn. L-attur isemmi li darba fost l-ohrajn dan id-diskors sar ukoll quddiem ir-ragel ta’ bint il-konvenuti li kien jghix bieb ma` bieb mal-konvenuti. F’okkazjoni ohra, l-konvenuta Rose Abela ghamlet referenza ghall-pretensjoni llum avvanzata minnha f’dawn il-proceduri li l-attur kellu jaghti xi

kumpens fi flus lilha ghaliex hija sostniet li kienet taghti xi privat lit-tifel tal-attur.

“Illi da parti taghhom il-konvenuti bbazaw ruhhom primarjament li huma m’ghandhomx jaghtu l-ebda flus lill-attur stante li eccepew il-preskrizzjoni a bazi tal-artikolu/i minnhom citat/i. Fil-verita’ jirrizulta mill-provi prodotti u partikolarment mill-kontro-ezami tal-konvenut tat-2 ta’ Lulju 2009 (fol. 71), li huwa jammetti li huwa ffirma l-iskritturi li jinsabu esebiti a fol. 5 u 6 tal-process u mhux biss izda jammetti wkoll, li effettivament huwa kien ircieva l-ammonti hemm imsemmija minghand l-attur, ghalkemm jidher li l-konvenuti jikkontestaw ir-ragunijiet ghaliex sehhew l-ewwel u t-tieni self, fis-sens li l-konvenut jghid li r-ragunijiet li ta l-attur, u cioe’, li huwa kien issellef l-istess ammonti ghaliex kellu bzonn flus ghal hlas ta’ pagamenti dovuti lil terzi ghal karozza u wkoll sabiex ihallas ghax-xoghol in konnessjoni ma’ kostruzzjoni ta’ appartamenti ma kienx minnu, izda mbaghad jghid li ma jiftakarx ghaliex issellef l-istess ammonti, tant li qal li lanqas jiftakar jekk kienx issellef dawn il-flejjes sabiex terzi ma jehdux lura l-karozza.

“Illi hawn jinghad li jidher mill-atti processwali li l-konvenut qed jallega wkoll li peress li s-socjeta’ tieghu, Forest Gate Limited kienet qabbdet lis-socjeta’ tal-attur Vella Aluminium Limited taghmel xi xogholijiet ta’ aluminium, hadid u *air circulators* f’dawn l-appartamenti fis-sena 2000, l-istess konvenut qed isostni li meta l-attur xehed li huwa kien qallu li kellu jhallsu lura xi ammonti ta’ flus lill-attur u dan meta jinbieghu l-appartamenti li kien allura bena presumibilment *tramite* din is-socjeta’ tieghu, dan ma kienx qed jirreferi ghas-self mertu tal-kawza odjerna, izda ghall-hlas ta’ valur ta’ xoghol li sar fuq l-istess appartamenti. F’dan il-kuntest jghid li fid-19 ta’ Settembru 2005, gewwa l-fabbrika tal-attur, huwa kien iffirma skrittura li tghid li s-socjeta’ imsemmija minnu rappresentata kellha ttih somma ghax-xoghol ta’ aluminium u hadid li l-attur kien ghamel fil-appartamenti. Il-Perit Ivan Coleiro kien kiteb din l-iskrittura u kien ukoll xhud tal-firma fuq din l-iskrittura (Dok. “IC” – fol. 36).

“Illi f’dan il-kuntest fix-xhieda tieghu datata 14 ta’ Lulju 2008 l-istess Perit sostna li:-

> “*“L-iskrittura…jiena ktibtha dak il-hin u tirrapprezenta prezz ta’ xoghlijiet ta’ aluminium maghmula mill-kumpanija Vella Aluminium Limited lil Peter Abela, u li kien ghadu ma hallasx skont chits illi kien hemm fil-file ta’ l-istess Peter Abela. Inzid nghid illi oltre l-iskrittura illi rredigejt jien dak inhar, kien hemm*

*skrittura ohra fil-file illi kienet saret qabel bejn il-partijiet. Qed nigi muri Dok. "A" u "B" a fol. 5 u 6 tal-process u nghid illi ghalkemm minhiex cert jekk humiex dawk l-iskritturi illi kont rajt, nghid illi huma familjari. Fuq dawn l-iskritturi intqal ftit li xejn u dan peress illi ma kien hemm l-ebda disgwid fuqhom fis-sens illi kien hemm qbil totali dwarhom. Inzid nghid illi l-partijiet daru l-karti li kien hemm fil-file u bdew jaqblu illi kellu jsir il-hlas. L-unika kwistjoni illi kien hemm kienet illi rigward ix-xoghlijiet ta' l-aluminium qaluli sabiex inzid klawzola ohra dwar xi nuqqas ta' installazzjoni ta' xi tieqa jew bieb. Fuq is-somma l-ohra ma qaluli biex nikteb xejn ghax diga` kien hemm karta dwarhom".*

"Illi fil-fatt l-istess xhud kompla jghid li:-

"*"…mistoqsi ukoll dwar jekk Peter Abela dak il-hin kien qieghed b'xi mod jikkontesta s-somma mitluba lilu; nghid illi le ma smajtux jichad il-figuri mitluba. Qabel maghhom totalment, pero` smajtu jsemmi xi xoghol illi kien ghamel hu ghal Joseph Vella. Jiena ma nafx illi dak inhar sar xi pagament. Nghid ukoll illi sa kemm bqajt insegwi l-kwistjoni jien, ma nafx illi sar l-ebda pagament".*

*"Mistoqsi dwar jekk rajtx lil Peter Abela wara dak inhar ta' l-iskrittura; nghid illi iva kont rajtu ta' l-inqas xi tliet darbiet il-fabbrika. F' okkazjoni wahda meta gie mal-mara jkellmu lill-attur smajthom isaqsu lill-attur ghall-estensjoni fit-terminu tal-pagament u dan sa kemm jirtu certa persuna wara li tmut".*

"Illi minn naha tieghu il-konvenut jghid li mhux minnu li l-attur kien jitla' Had Dingli u jitolbu ghall-hlas tas-somma mertu ta' din il-kaz u li lanqas li huwa kien jikkonferma l-ammonti dovuti. Anzi jghid li darba biss, l-attur kien semma dawn il-flus u dan meta kien tela' Had Dingli mat-tifel tieghu Jomar Vella (fis-sena 2005). Dakinhar ukoll il-konvenut ma kkomettiex ruhu dwar il-flus u anzi mar jaghmel rapport l-ghassa peress li l-attur beda jeddu.

"Illi dwar dawn l-episodji fir-residenza tal-konvenuti, Josmar Vella, it-tifel tal-attur xehed fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2008 hekk:-

"*"Jien kont gieli mmur jien stess id-dar ta' Peter f'Had Dingli flimkien ma' missieri biex nitolbu lil Peter b'dawn il-flus. Niftakar illi tlajt xi tliet darbiet ma' missieri. L-ewwel darba tlajna u Peter qalilna biex nergghu nghaddu darb' ohra, xi gimgha gimaghtejn ohra. It-tieni darba li kienet xi gimaghtejn wara kif kien qalilna maghmlu Peter stess, morna u kienu hergin u qalulna nghaddu darba ohra. It-tielet darba kienet xi xhur wara t-tieni darba li konna morna. Nghid illi f'din it-tielet darba Peter dahhalna u nghid illi meta ergajna tlabnih il-flus huwa ma tana xejn. fil-fatt tlabnih xi haga cash u r-risposta kienet illi ma*

*jzommx cash fid-dar. Dawn it-tliet istanzi nghid illi bejn wiehed u iehor kienu fis-sena 2005. Inzid illi l-ahhar darba illi kont mort ma' missieri ghand Peter, lil missieri kont issuggerejtlu jiftah kawza kontra taghhom peress illi kont konvint illi bil-kelma t-tajba ma konniex se naslu. Naf li missier kien mar ikellem avukat".*

"Illi minn dan kollu kif huwa car minn dak li ntqal hawn fuq, hemm zewg verzjonijiet opposti u konfliggenti li gew imressqa mill-partijiet. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **"Farrugia vs Farrugia"** (P.A. - 24 ta' Novembru, 1966) fejn intqal li:-

"*"l-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

"Illi fil-kawza fl-ismijiet **"George Bugeja vs Joseph Meilak"** (P.A.(TM) - 30 ta' Ottubru, 2003) inghad illi:-

"*"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli".*

"Illi jinghad ukoll illi l-komportament tal-partijiet quddiem minn ghandu jiddeciedi huwa fattur ukoll importanti sabiex wiehed jara jekk dak li xhud ikun qieghed jghid ghandux mis-sewwa jew le.

"Illi fis-sentenza **"Stencil Pave (Malta) Ltd vs Dr. Maria Deguara noe."** (P.A. - 30 ta' Ottubru, 2003) gie ritenut dwar preskrizzjoni li *"hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-*

*eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmieri li ghadda z-zmien jew billi ggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq".*

"Illi jinghad ghalhekk ukoll li meta tigi eccepita l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali imiss lill-konvenut li jipprova li l-hames snin kienu ghalqu jew skadew u ghalhekk li l-prova ta' preskrizzjoni tkun saret. Minn naha l-ohra jekk dan jigi pruvat, kien imiss imbaghad lill-attur li jipprova illi l-kors tal-preskrizzjoni kien gie validament interrott u f'dan is-sens hija s-sentenza **"Paolo Calleja vs Luigi Vella"** (A.C. - 15 ta' April 1964).

"Illi fil-kuntest ta' dan kollu jinghad li l-konvenuti, fir-risposta guramentata taghhom kif ukoll fix-xhieda tal-attur jirrikonoxxu li sar is-self izda jghidu li t-talba attrici sabiex jithallas lura l-ammont hekk  mislufa hija llum preskritta skond l-**artikolu 2156 (e) tal-Kap. 16** u dan skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 2160 (1) tal-Kap. 16,** izda din il-Qorti thoss li gie ppruvat dak li gie allegat mill-attur, li konvenuti f'diversi okkazzjonijiet rrikonoxxew li ghandhom jaghtu l-istess ammonti lill-attur, u dan inkluz meta l-attur diversi drabi kien imur ir-residenza taghhom f'Had Dingli, u wkoll meta giet iffirmata l-iskrittura li rrefera ghaliha l-Perit Ivan Coliero.

"Illi l-Qorti tosserva wkoll li minkejja li l-konvenuti ecceppew li ma humiex debituri ghaliex l-ammonti rikjesti huma preskritti, huma ma ghamlu xejn biex jopponu fil-mertu l-allegat debitu u ma gabu l-ebda prova hlief ghal verzjoni taghhom sabiex jirribattu l-verzjoni attrici li huma qalulhom kemm-il darba li huwa kienu debituri. Din il-Qorti thoss li fuq dan il-punt tirrizulta ppruvata l-allegazzjoni attrici li l-konvenut kemm il-darba matul is-snin irrikonoxxa kull darba d-debitu tieghu mal-attur mertu tal-kawza odjerna u b'dan ir-rikonoxximent, l-preskrizzjoni giet kull darba interotta.

"Illi f'dan il-kuntest jinghad ukoll, li minkejja dak li l-istess konvenuti jindikaw fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom,  huwa difficli hafna li mill-istat tal-provi kif jirrizultaw f'din il-kawza l-Qorti tista' b'xi mod tasal sabiex taccetta jew temmen il-verzjoni tal-konvenuti li hija li huma  qatt ma tkellmu dwar il-flus in kwistjoni mal-atturi. Dan anke jekk biss tittiehed ix-xhieda tal-Perit Coliero, xhieda li hija ghall kollox kreddibli u fejn l-istess xhud sostna li meta l-

kontendenti kienu ltaqghu sabiex jinnegozjaw dwar xi hlasijiet dovut mill-kumpannija tal-konvenut, irrizulta li bejn l-attur u l-konvenut dwar d-dejn mertu tal-kawza odjerna ma kien hemm ebda kwistjoni u kontestazzjoni tant li l-istess Perit fehem li l-konvenut Abela kien irrikonoxxa espressament id-debitu tieghu verso l-attur mertu tal-kawza odjerna u dwar dan lanqas dubju ma' kellhu u fil-fatt ghalkemm l-iskritturi hemm indikati u mertu tal-kawza odjerna kienu disponibbli liz-zewg partijiet, il-konvenut kien irrikonoxxa li kien ghad irid isir minnu l-hlas taghhom.

"Illi fil-fatt din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut f'diversi okkazzjonijiet matul is-snin irrikonoxxa d-debitu tieghu mertu tal-kawza odjerna b'mod inekwivoku u dan irrizulta sew ukoll mix-xhieda tal-istess atturi u tal-Perit Coliero. Mhux hekk biss izda jirrizulta ppruvat mill-attur li u mix-xhieda minnu prodotti ta' Phyllis Vella, Clifton Vella, Josmar Vella, oltre dik tal-imsemmi Perit Coliero li kull darba li l-istess attur talab lill-konvenuti sabiex ihallsuh tal-flus li sellifhom, huma kienu jassigurawh li kienu ser ihallsuh, u fil-fatt qatt ma kien hemm ebda kontestazzjoni tad-debitu taghhom hlief wara li ntbaghtet lilhom l-ewwel procedura legali. Jidher li f'dan l-isfond, minkejja dak kollu miktub fis-sottomissjonijiet tal-konvenuti, l-istess nota hija kompletament distakkata minn dak li huma provi f'din il-kawza li juru b'mod mill-iktar palez li l-konvenuti f'kull okkazjoni li kien hemm wara li hadu l-flejjes mislufa lillhom mill-attur, ma naqsux milli jirrikonoxxu tali dejn, bil-weghda li ser jaghmlu l-pagamenti li huma kellhom jaghmlu, f'perjodi differenti mhux lanqas meta jinbieghu l-appartamenti msemmija.

"Illi fil-fatt jista' jinghad, u din il-Qorti, wara li rat il-provi prodotti, jirrizulta li r-rikonixximent tad-dejn dovut mill-konvenuti kien tema konstanti fl-inkontri kollha bejn il-partijiet tul is-snin, u b'hekk l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni ecceppieta baqghet isehh sakemm, fis-sena 2006, il-konvenuta Rose Abela baghtet ittra (b'risposta ittra interpellatorja tal-atturi tal-31 ta' Lulju, 2006) fejn qalet illi hija dovuta lilha s-somma ta' Lm7,200 ghall-*"private tuition"* lil ulied tal-attur. Dan apparti li tali xhieda tista' tigi ikksidratata bhala wahda li tikkontrasta wkoll ma eccezzjoni ta' preskrizzjoni.

"Illi huwa sinifikanti li kien hawn li ghall-ewwel darba l-konvenuti cahdu li l-ammont kien dovut (ghaliex preskritt) u avvanzaw pretensjoni huma stess. In verita' ghandu jinghad li ma jidhirx, mill-provi prodotti, li l-konvenuti qatt ressqu din il-pretenzjoni qabel din l-ittra. Fuq dan il-punt jinghad ukoll li x-xhieda tal-konvenuti hija wkoll mhux kredibbli u dan ghaliex l-attur u t-tfal tieghu stqarru li l-konvenuta kienet *'ex gratia'* offriet li tghin lil ulied tal-attur jaghmlu l-

*homework* wara l-hin tal-iskola. In kontro ezami nhar il-24 ta' Novembru 2010, Clifton Vella, wiehed mit-tfal tal-attur jghid quddiem l-Assistant Gudizzjarju *"li jiena kont naghmel il-homework biss mal-konvenuta. Kont niehu privatijiet anke ma xi nies ohra. Fil-fatt kont niehu privat ta' Maths, Physics, English u Malti ghand terzi"*. Din il-verzjoni tidher li hija iktar kredibbli mill-verzjoni intimata. B'hekk din il-Qorti thoss li l-eccezzjoni li l-azzjoni attrici hija preskritta ma tistax tigi accettata u qed tig rigettata.

"Illi fil-fatt jinghad li semmai, l-preskrizzjoni bdiet terga tiddekorri biss mir-risposta tal-konvenuti ghall-ittra interpellatorja tal-31 ta' Lulju 2006, u la darba kienet giet prezentata ittra ufficjali da parti tal-attur kontra l-konvenuti fid-9 ta' Lulju 2007 u l-azzjoni attrici giet prezentata fil-26 ta' Settembru 2007 ghalhekk l-azzjoni attrici mhix preskritta u allura l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tal-konvenuti abbazi tal-**artikolu 2156 (e) tal-Kap. 16** qed tigi michuda.

"Illi f'dan il-kuntest oltre dak imsemmi din il-Qorti hadhet konsiderazzjoni l-inkonsistenzi kollha fix-xhieda tal-konvenuti li tirrendi l-versjoni taghhom ghall kollox inverosmili u inkredibbli apparti li kontradetta minnhom stess f'diversi istanzi fosthom (a) li l-konvenut ma jaqbilx ghar-ragunijiet li sar is-self moghtija mill-attur, izda mbaghad jiddikjara li ma jafx ir-raguni ghaliex sar is-self; (b) l-konvenuta tghid li hija qatt ma kienet involuta fl-ebda self mertu tal-azzjoni odjerna, izda mhux biss eccezzjoni f'dan is-sens ma inghatatx, izda wkoll tikkonferma li l-firma fuq l-iskritturi ta' self hija taghha, ghalkemm fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2009, in kontro-ezami hija tghid li hija *"ma tafx ghalfejn iffirmat"* l-istess; (c) ghalkemm kien hemm l-iskritturi ffirmati minnha, kif ammess minnha stess, tant li qatt ma ikkontestat il-firem fuq l-istess, hija tghid li fl-istess seduta tat-8 ta' Ottubru 2009, hija tghid li kienet biss fl-okkazjoni meta l-attur u ibnu Jesmar marru d-dar taghhom li hija saret taf l-ewwel darba bis-self – din minn mara li tghid li tat il-privat lill-ulied l-attur u ghalhekk certament li ghandha certu livell ta' edukazzjoni; (d) minkejja li fid-dikjarazzjoni annessa mar-risposta guramentata l-konvenuti jghidu bl-ezatt li kienu hallsu s-somma ta' 1,390 Euro f'Dicembru 1995, u jghidu b'mod kategoriku li wara dawn il-pagamenti ma sarux minnhom ebda pagamenti ohra lill-attur, fix-xhieda tieghu tat-2 ta' Lulju 2009, il-konvenut meta mistoqsi x'ammonti hallas lura lill-attur, huwa rrisponda li ma jafx. Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li f'dan il-kuntest ix-xhieda kollha tal-konvenuti ma hija bl-ebda mod kredibbli u ma tista qatt tigi accettata bhala ta' xi valur probatorju, fatt injorat ghall-kollox fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-istess konvenuti. Fil-fatt tenut kont tax-xhieda prodotta f'din il-kawza, ma jirrizultax li hemm xi dubju dwar l-allegata prova ta' interuzzjoni ta' preskrizzjoni da parte tal-konvenuti – u ghalhekk ma tinkorriex il-kontradizzjoni f'dawk li huma provi, bejn l-versjoni attrici u dik tal-konvenuti

dwar l-istess – fil-fatt il-kontestazzjoni tal-konvenuti ghat-talba attrici – tirrizulta biss moghtija, izda bl-ebda mod sostnuta mill-provi, ghaliex bhala provi l-konvenuti ma resqu xejn, hlief illimitaw ruhhom biex jghidu li t-talba attrici hija preskritta, li ma hallsu xejn hlief l-ammont imsemmi minnhom fis-sena 1995, u li qatt ma ghamlu weghda li ser ihallsu xi ammonti – kollha punti li fix-xhieda prodotti f'din il-kawza jirrizultaw li huma kompletament bla bazi, u inveritieri, u bl-ebda mod sostenibbli – dan ghaliex il-versjoni tal-konvenuti hija fl-ahjar ipotesi inverosimili, u fl-ahjar ipotesi inveritiera u allura altru li ma hemmx il-kontradizzjoni assoluta msemmija fis-sentenza **"Martin Mizzi vs Joseph Camilleri"** (A.I.C. (PS) – 20 ta' Ottubru 2004). Fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenuti ghamlu diversi drabi weghdiet ta' hlas lura tal-ammonti li huma kienu sselfu minghand l-atturi, u l-weghdi tal-hlas jirrizultaw li saru anke quddiem terzi persuni, kif inghad u allura jezistu l-elementi necessarji sabiex jigi ritenut li f'dan il-kaz kien hemm ghall diversi drabi interuzzjoni ta' preskrizzjoni minhabba rikonoxximent tal-istess dejn da parte tal-konvenuti bil-weghda konstanti tal-hlas skond id-diposizzjonijiet tal-**artikolu 2133 tal-Kap. 16** u fit-termini ndikati fis-sentenza **"Carmelo Abdilla et vs Frances Gloria Crockford et"** (A.C. – 26 ta' Gunju 2009) u tali provi sar b'mod mill-aktar konvincenti mill-attur, tant li l-Qorti wara li eziminat l-atti kollha processwali thoss li l-versjoni attrici kif minnhom proposta anke fid-dikjarazzjoni guramentata taghhom fuq dan il-punt hija kompletament bla ebda bazi ta' kredibilita' u ghall kollox insostenibbli. Dan kollu jaqa' fil-kuntest ta' dak li gie deciz fis-sentenza **"Intercomp Limited vs Boris Arcidiacono Limited"** (P.A. (RCP) – 25 ta' Marzu 2010) u dan ghaliex f'dan il-kaz ma hemm l-ebda dubju li l-konvenuti dejjem irrikonoxxew b'mod esplicitu u anke implicitu d-dejn taghhom mal-attur mertu tal-kawza odjerna, tant li dejjem weghdu li jhallsu lura dak minnhom misluf mill-attur u dan sakemm irrispondew ghall-ittra interpellorja tas-sena 2006. Huwa ghalhekk ukoll li l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni a bazi tal-**artikolu 2156 (e)** qed tigi michuda.

"Illi jinghad fuq kollox li tali preskrizzjoni qasira eccepita a bazi tal-**artikolu 2156 (d) u (e)** bhal kull preskrizzjoni ohra qasira hija soggetta ghall dak li jipprovdi l-**artikolu 2160 (1) tal-Kap. 16** fis-sens li:-

"*"Il-preskrizzjoni imsemmija fl-artikolu 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m'ghadhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta lilhom jinghata il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa".*

"Illi f'dan il-kaz ma gara xejn minn dan anzi fir-risposta guramentata taghhom iddikjaraw li ma ghamlu l-ebda pagament iehor wara dak ta' Dicembru 2005 u qatt ma ghamlu ebda weghda lir-rikorrenti in konnessjoni ma' dawn is-sommom mislufa u allura ma hemm l-ebda dubju li f'dan il-kaz il-konvenuti qed jirrikonnoxxu li sar is-self lilhom, u jafu ezatt kemm hallsu u kemm kien baqgha jithallas, u ghalkemm qed isostnu wkoll li ma ghandhom jaghtu xejn ghaliex l-azzjoni attrici giet preskritta bil-perkors ta' hames snin, tali dikjarazzjoni tal-eccipjenti hija kontradittorja ghall-eccezzjoni ta' preskrizzjoni u hawn japplika l-principu li *"ghall azzjoni tal-kreditur ma tibqas opponibbli l-preskrizzjoni, jekk id-debitur b'att tieghu spontaneu ta' assunszjoni ta' certu sistema ta' difiza, ipoggi ruhu fi stat ta' fatt li jirrendi nkompatabbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u l-forma premessa mill-ligi lill-kreditur biex jikkumbatti dik l-istess preskrizzjoni".* (**Vol. XXVII.i.307).**

"Illi hawn issir riferenza ghall dak li nghad fis-sentenza **"Dr. Toni Abela nomine vs Maurice Vassallo"** (A.C. _ 19 ta' Mejju 2000) fis-sens li inghad *"li kieku l-konvenut xehed li m'ghandhux jaghti flus lill-attur nomine u lanqas ftakar li ghandhu jtih, u waqaf hemm bla htiega ta' spjegazzjoni ulterjuri, allura eccezzjoni tieghu kienet certament tregi imma hawn si tratta ta' persuna li qeghda tistqarr bic-car bil-gurament taghha li ma hallsitx"* u allura f'kaz bhal dan mhux iktar opponibbli ghall azzjoni tal-attur l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ghaliex b'hekk l-konvenut, bhal dan il-kaz, pogga ruhhu b'att tieghu spontaneu, kif kontenut fid-dikjarazzjoni u risposta gurmantata taghhom, fi stat ta' fatt li jirrendi nkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-prezunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u f'dan is-sens issir riferenza ghas-sentenzi **"Zammit & Cachia Trading Co. Ltd et vs Francis Mizzi"** (A.I.C. (PS) – 7 ta' Dcembru 2005) u **"Austin Psaila vs Lother Slabick"** (A.I.C. (PS) – 9 ta' Frar 2005). Ghalhekk ukoll l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 2156 (e) tal-Kap. 16** qed tigi michuda.

"Illi l-konvenuti eccepew ukoll il-preskrizzjoni a bazi tal-**artikolu 2156 (d) tal-Kap. 16** li jipprovdi ghall-preskrizzjoni ta' hames snin ghall-azzjonijiet ta' hlas ta' imghax ta' somom mehuda b'self jew taht titolu iehor, u in generali, ta' dak kollu li jithallas bis-sena jew kull tant zmien iehor anqas minn sena.

"Illi ma hemm l-ebdu dubju li la giet michuda l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tal-kapital misluf abbazi tal-**artikolu 2156 (e)** qed tigi michuda l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni fuq l-imghax hekk devolut u dan apparti li l-konsiderazzjonijiet kollha moghtija fir-rigward tas-somma kapitali ta' self japplikaw ukoll ghal dik

dwar imghax f'dak li huwa terminu ta' preskrizzjoni, applikazzjoni tal-istess, u d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 2160 tal-Kap. 16** applikabbli anke ghal din l-eccezzjoni eccepita, u f'dan il-kaz il-konsiderazzjonijiet kollha maghmula fir-rigward ta' interruzzjoni ta' preskrizzjoni, fejn jirrigwarda rikonoxximent tad-debitu, u interruzzjoni ta' preskrizzjoni b'weghdiet ta' hlas huma wkoll applikabbli ghal dan il-kaz, u dan apparti li japplika wkoll ghal dan l-artikolu dak provdut fl-**artikolu 2160** dwar il-gurament decizorju.

"Illi f'dan il-kuntest jigi ribadit li l-preskrizzjonijiet hekk imsejha 'qosra', nkluza din kontemplata fl-eccezzjoniijet tal-intimati, ma ghandhom ebda effett jekk ma jigix osservat dak li jinghad fl-**artikolu 2160 (1) tal-Kap. 16**. Kif inghad dan l-artikolu jippreskrivi li dawn il-preskrizzjonijiet ma jkollhom ebda effett *"jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa".*

Illi jirrizulta li fl-ebda mument tul it-trattazzjoni tal-kawza l-konvenuti qatt ma qalu li mhumiex debituri. Din il-Qorti hija tal-fehma ghalhekk, u konsegwenti ta' dak kollu li hawn inghad, li l-konvenuti ma jistghu jiddefendu ruhhom biss billi jirrepetu li l-flus mhux dovuti ghaliex l-azzjoni hija preskritta aktar u aktar invista ta' dak li ddikjaraw fir-risposta guramentata taghhom u dikjarazzjoni maghha annessa. Dan ghaliex il-preskrizzjoni tannulla l-azzjoni izda ma toqtolx u teliminax *per se* l-obbligazzjoni. Ghalhekk il-konvenuti kellhom ghallinqas jittantaw jghidu li l-obbligazzjoni hija estinta jew qatt ma kienet hemm jew, kif tghid il-ligi, jghid li ma jiftakarx jekk is-somma kienet imhallsa, haga li mhux talli ma ghamlux, talli bid-dikjarazzjoni taghhom guramentata fir-risposta jirrikonoxxu s-self u li kien hemm hlas, u li ma hallsux izjed, u din id-dikjarazzjoni qatt ma tista' tikkombacja ruhha mal-gurament decizorju li d-debitur f'kaz ta' tali eccezzjonijiet ghandu jiddikjara (haga li ma saritx) li ma huwiex debitur jew li ma jiftakarax jekk il-haga gietx imhallsa; anzi mid-dikjarazzjoni guramentata li saret jidher li l-konvenuti jafu ezatt dak li thallas u ma thallasx, kemm f'termini ta' kapital ta' somma mislufa u kemm ta' imghaxijiet. Ghalhekk ukoll din l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni a bazi tal-**artikolu 2156 (d) tal-Kap. 16** qed tigi michuda. Dan apparti n-nuqqas totali ta' kredibilita' f'dik li hija verzjoni tal-konvenuti liema opinjoni tal-Qorti dwar l-istess qed tigi kkonfermata.

"Illi fl-ahharnett dwar l-ewwel eccezzjoni, din il-Qorti thoss li din l-eccezzjoni ma tistax tigi accettata u dan peress li jirrizulta li tali self sar mill-attur wahdu minghajr l-intervent ta' martu tant li fl-iskritturi huwa biss l-attur li dejjem issemma u allura r-relazzjoni tal-konvenuti hija mal-attur. Fuq din il-bazi din l-

> eccezzjoni qed tigi michuda. Mhux hekk biss izda din il-Qorti taqbel ma’ dak sottomess mill-attur meta dwar l-istess jghid li l-konvenuti ma ppruvawx dak li invokaw bhala eccezzjoni. Il-konvenuti ma ressqux prova dwar jekk l-attur huwiex separat jew jekk hemm jew le s-separazzjoni tal-beni jew jekk is-self kienx minn beni parafernali tieghu u dan meta kien l-oneru taghhom li jippruvaw dak li allegaw u ghalhekk ukoll anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:

> “... ... ... thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi nhar il-5 ta’ Mejju, 2011, u konsegwentment tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellanti u tichad it-talbiet attridi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.”

Rat ir-risposta tal-attur Joseph Vella li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, issottometta illi l-appell tal-konvenuti ghandu jigi rigettat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi f'din il-kawza l-attur qed jitlob ir-rimbors tas-somma ta' €64,351.27 (ekwivalenti ghal Lm27,626) bilanc ta' somma mislufa lill-konvenuti piu` imghaxijiet. Is-self sar permezz ta' skrittura tas-27 ta' Marzu, 1994, permezz ta' skrittura tad-29 ta' Dicembru, 1994, u brevi manu fl-ewwel xhur tal-1996. Il-konvenuti hallsu Lm1000 akkont il-kapital u l-imghax relattiv fuq din is-somma akkumulata sad-data tal-hlas. Il-konvenuti jaqblu li sar is-self u li ffirmaw iz-zewg skritturi fuq imsemmija, u oltre in-nullita` tar-rikors guramentat ghax il-kawza saret mill-attur wahdu u mhux ma' martu, eccepew biss il-preskrizzjoni ta' hames snin a bazi tal-Artikolu 2156 (e) u (d) tal-Kodici Civili.

L-ewwel Qorti laqghet it-talbiet attrici wara li cahdet l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni peress li, fil-fehma taghha, jirrizulta rikonoxximent ta' dan id-dejn.

Il-konvenuti appellaw mis-sentenza u, fil-principju, qed jikkontestaw is-sejbien tal-ewwel Qorti li kien hemm rikonoxximent tad-dejn fiz-zmien utili.

Qabel ma jigi ttrattat il-meritu tal-appell trid fl-ewwel lok tigi deciza l-oggezzjoni tal-attur ghad-dokumenti li gew ipprezentati mill-konvenuti mar-rikors tal-appell taghhom. Din il-Qorti tosserva li fil-kors tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, l-appellanti ma ghamlu ebda talba ghall-ipprezentata ta' dawn id-dokumenti.

Inoltre, ma kien hemm xejn x'jimpedixxi lill-konvenuti milli jipprezentaw dawn id-dokumenti fil-prim istanza. Dawn id-dokumenti ma ssemmewx fil-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, u ma tressqux provi dwarhom. Hlief ghall-kopji tas-sentenzi ta' dawn il-qrati, li referenza ghalihom tista' dejjem issir mill-istess qrati, id-dokumenti l-ohra huma privi minn valur probatorju tenut kont il-kontenut taghhom mhux sostnut minn provi (ara bhala rifless fuq dan id-decizjoni ta' din il-Qorti tat-28 ta' Gunju, 2013, fil-kawza fl-ismijiet **Micallef v. Brian Tyre Services Ltd. et.**).

Ghalhekk din il-Qorti, filwaqt li mhux ser tordna l-isfilz taghhom minhabba dak li jghid l-Artikolu 145 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, tiddikjara li d-dokumenti in kwistjoni, hlief ghas-sentenzi tal-qrati, m'ghandhomx valur probatorju.

Din il-Qorti trid tistharreg ukoll l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti dwar in-nullita` tar-rikors guramentat stante illi l-attur kellu jaghmel ir-rikors flimkien ma' martu. Tajjeb li jigi ccarat li, kuntrarjament ghal dak li l-konvenuti jippruvaw jaghtu d'intendere fir-rikors tal-appell taghhom, il-konvenuti ma ssollevawx in-nullita` tas-self, izda biss tar-rikors promotur. Kwindi, kull sottomissjoni li s-self hu null ghax sar mir-ragel wahdu, meta bejn il-konjugi Vella kien jezisti r-regim tal-komunjoni tal-akkwisti u att li tislef flus huwa att ta' amministrazzjoni straordinarja li, allura, jirrikjedi l-kunsens taz-zewg partijiet,

hija irrilevanti.  Apparti dan, att ta' amministrazzjoni straordinarja maghmul minn wiehed mill-koppja, mhux null izda annullabbli mill-parti l-ohra fiz-zwieg, haga li f'dan il-kaz ma sehhx.

Dwar il-prezentata tar-rikors guramentat, il-fatt li l-att gie pprezentat minn wiehed biss mill-konjugi ma jgibx in-nullita`, izda huwa "att imwettaq minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra" u annullabbli fuq talba tal-parti l-ohra fit-termini tal-Artikolu 1326 tal-Kodici Civili.

Ma jidhirx, allura, illi l-eccezzjoni relattiva tal-konvenuti ghandha tigi milqugha.

Trattat il-meritu tal-appell, din il-Qorti tara li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' hames snin kif invokat mill-konvenuti, u dan gie accettat ukoll mill-ewwel Qorti, li qalet, pero`, li t-terminu gie interrot b'rikonoxximent, u qed jattakkaw l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-ewwel Qorti, apprezzament li ma ghandux jigi leggerment disturbat minn din il-Qorti sakemm ma jirrizultawx indizji cari li jwasslu lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni differenti.  Din il-Qorti, wara li qieset il-provi, tqis li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett tal-fatti ghax, fil-fehma taghha, hemm bizzejjed provi li juru li, zgur fl-2005, sar rikonoxximent tad-dejn, b'mod li, isegwi, li din il-kawza saret fit-terminu.

Bhala principju, kif qalet din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza **Psaila v. Slabick** deciza fid-9 ta' Frar, 2005,

> "*Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-precitat Artikolu 2133 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni tal-ezistenza tad-dritt. Ad exemplum, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f'denunzja tas-successjoni jew f'forma ta' entrata fl-accounts.*"

Il-provi ovvjament, iridu jkunu cari u juru l-hsieb ghar-rikonoxximent tad-dejn, b'dan li l-indizja ghandhom ihallu f'mohh il-gudikant il-konvinzjoni morali favur dan il-hsieb.

Hu minnu, kif jghidu l-konvenuti, li bil-fatt li konvenut jaghzel illi jqajjem eccezzjoni ta' preskrizzjoni biss, b'hekk bl-ebda mod ma jippregudika dik l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, pero`, jirrizulta illi l-attur kien imur ghand il-konvenuti fir-residenza taghhom u jitlob il-hlas, bil-konvenuti jitolbu zmien ghal dan l-iskop. Il-konvenuti jichdu li l-attur kien jitla' sa ghandhom ta' spiss, pero`, din il-Qorti tara li ghandha taghti aktar kredibbilita` lill-attur, ikkoroborat minn ibnu li tela' tliet darbiet ma' missieru biex jitlob il-hlas minghand il-konvenuti.

Hemm diversi indizji li jwasslu lil din il-Qorti ghal dik il-konkluzjoni. Hemm ix-xhieda tal-perit Ivan Coleiro li kien involut f'negozju ta' xoghlijiet ta' hadid u

aluminium bejn il-kumpaniji rispettivi tal-partijiet. Hu qal li f'okkazjoni minnhom kien prezenti meta irrediga skrittura ghal modalita` tal-hlas in konnessjoni ma' dak in-negozju, u jiftakar li l-partijiet "*daru l-karti li kien hemm fil-file u* *bdew jaqblu* *illi kellu jsir il-hlas*". Ghalkemm ma kienx cert li l-iskritturi ta' self kienu fil-file, meta gie muri l-iskritturi f'dan il-process gharafhom bhala "*familjari*". Hu qal ukoll li, f'dik il-laqgha, il-konvenut ma cahadx il-figuri mitluba.

Dwar iz-zjarat tal-attur ma' ibnu, il-konvenut jghid li din saret darba biss (fis-sena 2005), u fil-waqt li jghid li ma kkommettiex ruhu dwar il-flus, ghamel rapport l-ghassa tal-pulizija peress li l-attur beda jheddu. F'dik l-okkazzjoni, hu car li l-attur talab ghal flusu, u din il-Qorti hija propensa taccetta l-verzjoni tal-attur li d-distorbju kien inqala' fid-dawl tal-fatt li l-konvenut kien, ghal darba ohra, qed jittratjeni u jitlob aktar zmien ghall-hlas.

Hemm imbaghad, in estremis, talba tal-konvenuta ghall-hlas ta' Lm7,200 ghall-privat li tghid li tat lill-iben l-attur, u liema talba saret wara li intbaghtet ittra interpellatorja ghall-hlas mill-attur. Saret laqgha fejn giet diskussa possibbilita` ta' tpacija bejn is-self u s-somma ridotta tal-privat, izda ma ntlahaqx qbil. Il-fatt li sar tentattiv ta' tpacija juri li l-konvenuti kienu qed jaqblu li hemm zgur somma flus dovuta lill-attur. Kif osservat din il-Qorti, Sede Inferjuri fil-kawza **Icon Studies Ltd. v. The Golden Shepherd Group Ltd.** deciza fis-26 ta' Novembru, 2014,

> "*jekk id-debitur jirrikonoxxi d-dejn, dan ir-rikonoxximent jimporta rinunzja ghall-preskrizzjoni. …. U lanqas hemm bzonn li r-rikonoxximent ikun ghall-kwantita` kollha dovuta, u jista' wkoll jirrigwarda kreditu illikwidu. (Kollez. Vol. XLIII P II p 744).*"

Hemm xhieda ohra li jikkorroboraw lill-attur, u in vista ta' dan, flimkien ma' certi inkonsistenzi li wera l-konvenut fix-xhieda tieghu – kif anke gew enumerati mill-ewwel Qorti f'parti tas-sentenza taghha – din il-Qorti taqbel li l-konvenuti irrikonoxxew id-dejn favur l-attur, b'mod li allura ma jistghux aktar jistriehu fuq it-terminu tal-preskrizzjoni darba li din il-kawza saret entro l-hames snin mir-rikonoxximent (ara, ghall-principju legali applikat, il-kawza **Abdilla v. Crockford**, deciza minn din il-Qorti fis-26 ta' Gunju, 2009). Fil-fehma tal-Qorti, avolja fil-kawza l-konvenuti jghidu li ma ghandhom jaghtu xejn lill-attur, l-attur irnexxielu jipprova li qabel ma nfethet din il-kawza, il-konvenuti irrikonoxxew id-debitu b'mod li t-terminu preskrittiv kellu jerga' jibda ghaddej.

Ghar-rigward tal-hlas tal-imghax, dan hu dejn indipendenti mid-debitu principali, pero`, hu accessorju ghall-istess u allura jekk id-debitu principali mhux estint, lanqas ma hu estint l-imghax. F'dan il-kaz, l-imghax qed jintalab biss mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat, u allura, aktar u aktar ma hemmx pretensjoni li tista' titqies preskritta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenuti billi tichad l-istess u tikkonferma in toto s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluz dawk in prim istanza, jithallsu mill-konvenuti appellanti in solidum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------